MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 494/2014

**Panta Contracting Limited (C15725)**

**kontra**

**D.A. Holdings Limited**

**(C18064)**

**Il-Qorti :**

Illi dan huwa procediment fejn, ghar-ragunijiet indikati u dokumenti fir-rikors promotorju li pprezentat fil-5 ta` Gunju 2014, il-kumpannija rikorrenti talbet ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija ntimata skond il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi fost it-talbiet, is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti illi tahtar amministratur provvizorju.

Illi fir-risposta li pprezentat fl-10 ta` Lulju 2014, il-kumpannija ntimata kkontestat kemm it-talba ghax-xoljiment u l-istralc taghha, kif ukoll il-htiega ghall-hatra ta` amministratur provvizorju.

Illi l-ewwel appuntament tal-kawza kien fit-30 ta` Settembru 2014. Hemm id-difensur tal-kumpannija rikorrenti nsista fuq il-hatra ta` amministratur provvizorju. Id-difensur tal-kumpannija ntimata ddikjara li ma kellhiex issir il-hatra. Il-Qorti rriservat li tipprovdi dwar it-talba fi stadju ulterjuri.

Illi fl-istess udjenza tat-30 ta` Settembru 2014, sar ukoll dan il-verbal :-

*Il-Qorti giet infurmata illi l-kumpannija konvenuta hija attivament f`kuntatt ma` Mediterranean Bank Limited, li saru l-propjetarji tal-Volksbank Malta Limited, li kien il-bank li ta facilitajiet lill-kumpannija ntimata, sabiex jinstab mod kif, fost affarijiet ohra, jithallas il-kreditu tal-kumpannija rikorrenti. L-ewwel inkontru mal-Mediterranean Bank ser isir fid-9 ta` Ottubru 2014.*

*Il-Qorti qieghda tinsisti, specjalment mad-diretturi tal-kumpannija ntimata, illi ser tissorvelja b`mod attent hafna dak li qed isir mal-Mediterranean*

*Bank Limited, bit-tama li jkun hemm rizultati ghaliex altrimenti jekk ma tarax progress, ikollha tipprovdi dwar il-hatra ta` amministratur provizorju.*

Illi fl-udjenza ta` wara u cioe` dik tat-13 ta` Ottubru 2014, il-Qorti kienet infurmata bil-kuntatti li lahqu saru mill-kumpannija ntimata mal-Mediterranean Bank Limited. Kienet infurmata li l-inkontru tad-9 ta` Ottubru 2014 ma kienx sar u ghaliex, u li appuntament alternattiv kien maqbul ghas-17 ta` Ottubru 2014.

Illi fl-udjenza tal-20 ta` Ottubru 2014, sar dan il-verbal :-

*Dr Filletti ta l-isfond ta` dak li sar fl-inkontru ma` Mediterranean Bank mid-diretturi tal-kumpannija ntimata fis-17 ta` Ottubru 2014. In succint, l-inkontru ma wassalx ghall-ftehim desiderat fis-sens illi l-bank qieghed jinsisti illi sabiex jasal fi ftehim ta` xi xorta ma` D.A. Holdings Limited, il-kumpannija intimata trid tbiegh it-tmienja u ghoxrin appartamenti u disa` penthouses lil akkwirent wiehed. Ghalhekk billi l-kumpannija intimata mhijiex sodisfatta b`dan l-atteggjament li qed jiehu l-bank, illi mhux ser ighin ghar-risanament tal-kumpannija intimata, l-istess kumpannija intimata qieghed taderixxi ruhha mat-talba tal-kumpannija rikorrenti fis-sens illi mhijiex qed topponi t-talba taghha ghall-hatra ta` amministratur provvizorju ghall-kumpannija D.A. Holdings Limited.*

*Fuq direzzjoni tal-Qorti, Dr Vella ghall-kumpannija rikorrenti trid illi l-amministratur provizorju jkollu l-funzjoni tat-tmexxija gornaljera tal-kumpannija inkluz illi d-diretturi prezenti jigu zvestiti mill-poteri li attwalment ghandhom.*

*Dr Filletti jirrimetti ruhu.*

Illi l-kawza thalliet ghall-lum sabiex tipprovdi dwar it-talba tal-kumpannija rikorrenti ghall-hatra ta` amministratur provizorju ghall-kumpannija intimata.

**Ikkunsidrat :**

Il-provvediment tal-lum jirrigwarda **biss** it-talba tal-kumpannija rikorrenti sabiex il-Qorti tahtar amministratur provvizorju ghall-kumpannija intimata. Ghall-fini **specifiku** tal-provvediment tal-lum, il-konsiderazzjoni mhijiex jekk il-kumpannija intimata hijiex *de facto* jew *de jure* fi stat li thallas id-djun taghha. Dik hija konsiderazzjoni li din il-Qorti ghad trid taghmel meta tigi biex tiddeciedi dwar it-talba ghax-xoljiment u stralc.

Il-hatra ta` amministratur provvizorju hija regolata bl-**Art 228 tal-Kap 386** li taqra hekk :-

*(1) The court may by order appoint a provisional administrator at any time after the presentation of a winding up application and before the making of a winding up order, and either the official receiver or any other competent person may be so appointed.*

*(2) The provisional administrator shall carry out such functions and powers in relation to the administration of the estate or business of the company as the court may specify in the order appointing him.*

*(3) The provisional administrator holds office until such time as the winding up order is made or the winding up application is dismissed unless before such time he resigns.*

Huwa evidenti li l-ligi ma tfissirx ir-rwol tal-amministratur provvizorju. Il-ligi thalli **ghal kollox** f'idejn il-Qorti dwar jekk ikunx indikat li taghmel il-hatra u fil-kaz li taghmel il-hatra, x`setghat taghti lill-amministratur provvizorju, tenut kont tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz.

Il-procediment ta` xoljiment u stralc li, fil-kuntest tieghu, saret it-talba ghall-hatra ta` amministratur provvizorju kien inizjat mill-kumpannija rikorrenti bhala kreditur tal-kumpannija intimata. Ghalhekk il-funzjoni ewlenija tal-amministratur provizorju ghandha tkun illi jippreserva l-assi kontra r-riskju ta` sparpaljar jew ta` tnaqqis fil-valur b`azzjoni tad-diretturi.

Bla ma tidhol fil-kwistjoni jekk il-kumpannija intimata hijiex f`qaghda inkella le ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi li thallas id-djun taghha, fatt li huwa kontestat mill-kumpannija intimata, qieghed diga` jirrizulta mill-verbali tal-udjenzi li saru sal-lum, kif ukoll minn esami tad-dokumenti esebiti, illi l-kumpannija intimata ghandha dejn sostanzjali ma` aktar minn kreditur wiehed. U diga` rrizulta li l-kreditu partikolari tal-kumpannija rikorrenti huwa qawwi. Il-Qorti tifhem ghalhekk il-premura tal-kumpannija rikorrenti li sakemm tigi determinata finalment l-istanza taghha tax-xoljiment u stralc, il-kumpannija intimata titqieghed taht il-kontroll ta` amministratur provvizorju sabiex jippreserva l-assi b`mod li ebda kreditur ma jiehu vantagg fuq kreditur iehor, billi jisfrutta favur tieghu l-qaghda finanzjarja difficli tal-kumpannija intimata. Il-konsegwenza ta` dan ir-rwol ikun li bil-hatra tal-amministratur provizorju jigi preservat l-istat attwali tal-kumpannija sabiex jekk jigu ppruvati r-ragunijiet tal-kumpannija rikorrenti ghax-xoljiment, u l-Qorti taghzel li tghaddi ghall-istralc, il-krendituri kollha jitilqu lkoll mill-istess punt tat-tluq u kulhadd jiehu tieghu skond ix-xorta ta` kreditu li jkollu. F`dan ir-rigward huwa daqstant iehor evidenti li r-rwol tal-amministratur provizorju mhuwiex dak ta` stralcjarju u ghalhekk l-amministratur provvizorju huwa prekluz milli jiddisponi mill-assi sabiex bir-rikavat ihallas id-djun u b`li jibqa` jhallas lill-azzjonisti.

Huwa sintomatiku li fil-kaz tal-lum, fil-mori tal-kawza, il-kumpannija intimata bidlet radikalment il-posizzjoni taghha dwar il-hatra ta` amministratur provvizorju minn wahda ta` opposizzjoni netta ghal wahda ta` adezjoni mat-talba tal-kumpannija rikorrenti. U dan sar f`temp qasir. Ir-raguni ghal din il-bidla ta` direzzjoni hekk bruska tirrizulta mill-verbal tal-ahhar zewg udjenzi tal-kawza, in partikolari l-posizzjoni li ha bank kreditur fil-konfront taghha. Ghalhekk illum il-posizzjoni hi li z-zewg kontendenti u cioe` kreditur u d-debitur qeghdin jaqblu t-tnejn li l-Qorti ghandha tahtar amministratur provvizorju.

Wara li rat l-atti tal-kawza sal-lum, wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet, u wara li hadet konsiderazzjoni li dak li ghaddejja minnu l-kumpannija intimata fil-prezent, in partikolari, il-vulnerabilita` taghha, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tipprocedi bil-hatra ta` amministratur provvizorju ghall-kumpannija intimata, anke ghaliex din il-hatra m`ghandux ikollha effett negattiv fuq l-operat tal-kumpannija.

Dwar il-funzjonijiet u s-setghat tal-amministratur provvizorju, il-Qorti ma tridx li jkollu r-rwol ta` semplici amministratur bil-funzjoni li jiehu hsieb l-amministrazzjoni ta` kuljum tal-kumpannija intimata. Ghalkemm il-kumpannija intimata mhux se tibqa` bla diretturi, fl-istess waqt il-Qorti sejra tghaddi l-funzjonijiet u s-setghat tad-diretturi prezenti lill-amministratur provvizorju. Bit-trasferiment li sejra taghmel il-Qorti, ghandu jkollha il-konfort li l-amministratur provvizorju ma jispiccax bhallikieku semplici *manager* li jkollu jissoggetta ruhu ghar-rieda – tajba jew hazina tad-diretturi. Il-Qorti dan ma tridux u propju ghalhekk qeghda tipprovdi li l-funzjonijiet u s-setghat tad-diretturi jkunu fdati lill-amministratur provvizorju, u dan mhux biss fl-interess tal-kredituri izda wkoll fl-interess tal-azzjonisti.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddisponi mill-ewwel talba tar-rikors promotorju tal-kumpannija rikorrenti billi, bl-applikazzjoni tal-Art 228 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tahtar bhala amministratur provvizorju tal-kumpannija intimata D.A. Holdings Limited (C18064) lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono, b`dan illi :-**

**1) B`effett mil-lum, u sakemm tigi deciza t-talba tal-kumpannija rikorrenti ghax-xoljiment u stralc tal-kumpannija intimata, il-funzjonijiet u s-setghat tad-diretturi prezenti tal-kumpannija, kemm individwalment kif ukoll kollettivament bhala bord, qeghdin jigu sospizi.**

**2) B`effett mil-lum, tordna lid-diretturi tal-kumpannija intimata sabiex jaghtu lill-amministratur provvizorju access shih u liberu ghal kwalsiasi taghrif u dokumenti fil-pussess taghhom.**

**3) B`effett mil-lum u sakemm tigi deciza t-talba tal-kumpannija rikorrenti ghax-xoljiment u stralc tal-kumpannija intimata, l-amministratur provvizorju ghandu jaqdi l-funzjonijiet u s-setghat kollha tad-diretturi tal-kumpannija intimata, inkluz ir-rappreżentanza gudizzjarja u legali tal-kumpannija intimata.**

**4) L-amministratur provvizorju ghandu jiehu taht il-kontroll tieghu l-assi u d-djun kollha tal-kumpannija intimata, u ghandu jmexxi u jamministra l-kumpannija intimata bl-akbar kawtela u trasparenza sabiex il-qaghda finanzjarja taghha ma tmurx ghall-aghar.**

**5) Tordna li l-ispejjez tal-hatra, inkluz tal-qadi tal-funzjonijiet u setghat tal-amministratur provvizorju ghandhom jithallsu provvizorjament mill-kumpannija rikorrenti, b`dan illi tirriserva li taghti provvediment finali dwar l-ispejjez tal-amministratur provvizorju, meta jkun deciz finalment il-procediment tax-xoljiment u stralc tal-kumpannija intimata.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------